## MONS. DUN PAWL PACE
**B.A. (Lond.), S.TH.L. (Greg), Dip. Bibl. (Vat.)**



# APPREZZAMENT

Nhar il-Ħadd 5 t'April 1992, tard wara nofs-in-nhar, tħabbret il-mewt ta' Mons. Dun Pawl Pace, ex-Arċipriet taż-Żurrieq, li ġrat għall-għarrieda fid-dar tiegħu fir-Rabat, fl-età ta' sittin sena. Dun Pawl Pace twieled f'Ħal Qormi, nhar it-18 ta' Settembru 1931, minn Mikiel Pace u Antonia mwielda Sciberras; u ġie mgħammed tlitt ijiem wara mill-viċi-parroku Dun Ġużepp Buhagiar. Beda l-istudji tiegħu fl-iskola primarja ta' Ħal Qormi u fl-1945, ta' 14 il-sena, daħal is-Seminarju fejn ħa l-edukazzjoni sekondarja, u għamel ukoll il-kors tal-Filosofija fl-Università ta' Malta. Waqt il-kors tal-Filosofija huwa kien student estern ta' l-Università ta' Londra, fejn iggradwa B.A. (Hons.) fl-1952. F'dik is-sena l-istudent Pace tela' Ruma biex jistudja t-Teoloġija fl-Università Gregorjana, fejn kiseb il-Baċellerat (1954) u l-Liċenzjat (1956) fit-Teologija bl-unuri. Matul iż-żmien tiegħu f'Ruma l-Arċipriet Pace kien alloġġjat fil-Kulleġġ Franċiż, lingwa li flimkien mal-Latin u t-Taljan hu kien jippossiedi b'ħila kbira. F'Ruma wkoll l-Arċipriet Pace kien segwa l-kors fil-Bibljotekonomija fl-Iskola Vaticana. Hu kien ġie ordnat saċerdot fil-Belt Eterna fis-17 ta' Marzu 1956, u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-maqdes Ġorġjan tal-Belt Pinto nhar is-7 t'April ta' l-istess sena.

Lura f'Malta l-Arċipriet Pace kien addett mal-parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, u kien ukoll għalliem fil-Liċeo; sakemm nhar it-30 ta' Ġunju 1957, ta' 25 sena, hu ġie nominat kappillan wara konkors li kien sar għall-Parroċċa ta' Ħal Kirkop. Ħa l-pusess ta' Kappillan ta' Ħal Kirkop nhar il-11 t'Awwissu 1957 u dam irieġi l-Parroċċa sa Ottubru tal-1960. Fil-25 ta' Ġunju ta' dik l-istess sena kienet ġiet vakata formalment l-Arċipretura tal-Parroċċa taż-Żurrieq bir-renunzja ta' l-ex-Arċipriet Dun Salvatore Gauci u n-nomina tiegħu bħala Kanoniku Onorarju Metropolitan (15 ta' Lulju 1960). Il-konkors għal Parroċċa taż-Żurrieq kien ġa sar nhar l-10 ta' Mejju, u n-nomina ta' Dun Pawl Pace bħala Arċipriet-Elett kienet tħabbret nhar it-30 ta' Ġunju. Ma' dħul Ottubru 1960 l-Arċipriet-Magħżul beda jmexxi l-Parroċċa taż-Żurrieq bħala vigarju-ekonomu. Fis-7 ta' dak ix-xahar kien ħareġ id-digriet tal-ħatra tiegħu bħala

Arċipriet fuq il-firma ta' l-Arċisqof Mons. Gonzi; u nhar il-Ħadd 9 t'Ottubru, meta allura kellu biss 29 sena, Dun Pawl Pace ingħata l-investitura u pussess fuq il-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq, minn idejn il-Vigarju Mons. isqof Galea, u quddiem ix-xhieda Dun Ġużepp Zammit Falzon u Dun Leonardo Mallia.

L-Arċipriet Pace mexxa' l-Parroċċa taż-Żurrieq sa l-1980, meta l-Arċisqof Mons. Mercieca ħatru bħala Kanoniku Onorarju tal-Knisja Metropolitana permezz ta' digriet tal-21 ta' Mejju 1980. Sitt snin wara, nhar il-25 ta' Novembru 1985, Mons Pace ġie nominat Kanoniku effettiv tal-Kattidral fil-prebenda Ta' Riħana. Id-digriet ta' din il-ħatra kien ħareġ nhar il-21 ta' Frar 1986, u Dun Pawl kien ħa l-pussess ta' Monsinjur tal-Kattidral nhar it-23 tal-istess xahar. Bħala Monsinjur huwa qeda diversi karigi, fosthom bħala membru ta' l-amministrazzjoni tal-Knisja Metropolitana, u **defensor vinculi** fit-Tribunal Reġjunali **secunda instantia.** Kien ukoll rettur tal-Knisja ta' l-Erwieħ fil-Belt Valletta. Mons. Pace jibqa' mfakkar fuq kollox għal kważi 20 sena li huwa għamel bħala Arċipriet taż-Żurrieq, żmien li fih huwa mhux biss ipprova jwettaq ir-riformi tal-Konċilju Vatikan II, iżda li fih żejjen it-Tempju taż-Żurrieq b'opri mill-isbaħ ta' pittura, skultura u ndoratura, li jibqgħu jfakkru l-ħeġġa tiegħu għal dejjem. Mons. Pace kien bniedem dinamiku, imżejjen bil-għerf u b'memorja u b'ċarezza mentali kbira. Kien ukoll imħeġġeġ minn sens ta' servizz versu l-Knisja. Ħadem ukoll biex xettel diversi vokazzjonijiet fiż-Żurrieq, u ħafna opri tajba t'appostolat u ta' karità baqgħu mistura bejnu u bejn Alla. Qalbu baqgħet sa l-aħħar marbuta mal-Knisja taż-Żurrieq, li hu bħala Monsinjur tal-Kattidral ddefenda anke f'mumenti diffiċli, u fiż-Żurrieq ukoll dejjem xtaq li jsir il-funeral tiegħu. Għalih kien ikun dejjem ta' ferħ kbir kull meta l-Kumitat tal-Festa kien jistiednu biex jipparteċipa fil-festa titulari. Propju din is-sena stess kien wera x-xewqa li jinseġ il-paneġierku ta' Santa Katarina waqt il-Pontifikal, bħalma kien għamel darba fl-1961, fl-ewwel sena tal-parrokat tiegħu. Dak in-nhar, bil-figura mponenti u żagħżugħa tiegħu liebes ir-rukkett u l-muzzetta, huwa kien niseġ wieħed mill-isbaħ paneġierċi li qatt saru ad unur Santa Katarina, fil-preżenza ta' l-Arċisqof Mons. Gonzi li kien qed jassisti mit-tron. Din is-sena, il-volontà ta' Alla riedet mod ieħor .... J'Alla l-Mulej ħanin jagħtih il-premju mistħoqq tal-ħidma tiegħu, fil-ferħ ma' Santa Katarina għal dejjem.